# DIRETTIVA DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1717

## tad-9 ta' Lulju 2021

## li temenda d-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aġġornament ta' ċerti nominazzjonijiet tal-kategorija ta' vetturi u ż-żieda tal-eCall mal-lista tal-elementi ta' test, il-metodi, ir-raġunijiet għal falliment u l-valutazzjoni tan-nuqqasijiet fl-Anness I u fl-Anness III ta' dik id-Direttiva

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 17 tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2014/45/UE tapplika għal vetturi b'veloċità skont id-disinn ta' aktar minn 25 km/h tal-kategoriji mniżżla fl-Artikolu 2(1) ta' dik id-Direttiva. Dawk il-kategoriji huma determinati b'referenza għad-Direttivi 2002/24/KE ([2]), 2003/37/KE ([3]) u 2007/46/KE ([4]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(2) Id-Direttivi 2002/24/KE, 2003/37/KE u 2007/46/KE tħassru, rispettivament, mir-Regolamenti (UE) Nru 168/2013 ([5]), (UE) Nru 167/2013 ([6]) u (UE) 2018/858 ([7]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(3) Minħabba l-bidliet fin-nominazzjonijiet tal-kategoriji tal-vetturi li jirriżultaw mit-tħassir tad-Direttiva 2002/24/KE u 2003/37/KE, jenħtieġ li jiġu adattati ċerti nominazzjonijiet tal-kategoriji tal-vetturi msemmija fid-Direttiva 2014/45/UE. Dawk l-aġġornamenti ma jaffettwax il-kamp ta' applikazzjoni u l-frekwenza tal-ittestjar.

(4) Ir-Regolament (UE) 2015/758 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]) jistabbilixxi obbligu li ċerti tipi ġodda ta' vetturi jiġu mgħammra b'sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq in-numru 112 installata b'mod permanenti, b'effett mill-31 ta' Marzu 2018.

([1]) Id-Direttiva 2009/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar testijiet tal-kondizzjoni ta' vetturi u tal-karrijiet tagħhom għat-triq (ĠU L 141, 6.6.2009, p. 12).

([2]) Id-Direttiva 2002/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Marzu 2002 li għandha x'taqsam mal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/61/KEE (ĠU L 124, 9.5.2002, p. 1).

([3]) Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 2003/37/KE tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' tratturi għall-agrikoltura jew għall-foresti, il-karrijiet tagħhom u makkinarju rmunkat interkambjabbli, flimkien mas-sistemi tagħhom, komponenti u unitajiet tekniċi separati u r-revoka tad-Direttiva 74/150/KEE (ĠU L 171, 9.7.2003, p. 1).

([4]) Id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1).

([5]) Ir-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli (ĠU L 60, 2.3.2013, p. 52).

([6]) Ir-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Frar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija (ĠU L 60, 2.3.2013, p. 1).

([7]) Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1).

([8]) Ir-Regolament (UE) 2015/758 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 li jikkonċerna rekwiżiti għall-approvazzjoni skont it-tip għall-iskjerament tas-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 77).

(5) Is-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq in-numru 112, bħala sistema ta' emerġenza, teħtieġ l-ogħla livell possibbli ta' affidabbiltà. Jenħtieġ li jkunu żgurati l-akkuratezza tas-sett minimu ta' *data* u tat-trasmissjoni tal-vuċi, u l-kwalità, u jenħtieġ li tiġi żviluppata sistema ta' ttestjar uniformi biex tkun żgurata l-lonġevità u d-durabbiltà tas-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq in-numru 112. Għalhekk, jenħtieġ li jitwettqu testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għall-eCall b'mod regolari f'konformità mad-Direttiva 2014/45/UE. Jenħtieġ li jiżdied punt ġdid relatat ma' tali test fit-Tabella 3 tal-Anness I ta' dik id-Direttiva.

(6) Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttiva 2014/45/UE tiġi emendata skont dan,

ADDOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva 2014/45/UE hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"1. Din id-Direttiva għandha tapplika għal vetturi b'veloċità skont id-disinn li taqbeż il-25 km/h għall-kategoriji li ġejjin, kif imsemmi fir-Regolamenti (UE) Nru 167/2013 (*), (UE) Nru 168/2013 (**), u (UE) 2018/858 (***) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill:

_____

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Frar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija (ĠU L 60, 2.3.2013, p. 1).

(**) Ir-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli (ĠU L 60, 2.3.2013, p. 52).

(***) Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1)";

(ii) is-sitt u s-seba' inċiżi huma sostitwiti b'dan li ġej:

"— mill-1 ta' Jannar 2022, il-vetturi b'żewġ jew tliet roti — kategoriji ta' vetturi L3e, L4e, L5e u L7e mgħammra b'magna tal-kombustjoni bi spostar ta' aktar minn 125 $cm^3$; tratturi bir-roti tal-kategoriji T1b, T2b, T3b, T4.1b, T4.2b u T4.3b li l-użu tagħhom hu l-aktar f'toroq pubbliċi b'veloċità massima skont id-disinn li ma taqbiżx il-40 km/h.";

(b) fil-paragrafu 2, it-seba' inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej

"— il-vetturi fil-kategoriji L3e, L4e, L5e u L7e mgħammra b'magna tal-kombustjoni bi spostar ta' iktar minn 125 $cm^3$, meta l-Istat Membru jkun implimenta miżuri alternattivi effettivi għas-sikurezza stradali għall-vetturi b'żewġ jew tliet roti, b'kunsiderazzjoni b'mod partikolari tal-istatistika relevanti dwar is-sikurezza stradali li tkopri l-aħħar ħames snin. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawn ir-regoli lill-Kummissjoni.";

(2) L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) tratturi bir-roti tal-kategoriji T1b, T2b, T3b, T4.1b, T4.2b u T4.3b li l-użu tagħhom hu l-aktar f'toroq pubbliċi għal skopijiet kummerċjali ta' trasport tal-merkanzija bit-triq: erba' snin wara d-data li fiha l-vettura kienet ġiet irreġistrata għall-ewwel darba u minn dakinhar, kull sentejn.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Stat Membru għandu jistabbilixxi intervalli xierqa li fihom il-vetturi tal-kategoriji L3e, L4e, L5e u L7e mgħammra b'magna tal-kombustjoni bi spostar ta' iktar minn 125 $cm^3$, ikunu soġġetti għal test tal-affidabilità stradali.";

(3) L-Annessi I u III huma emendati f'konformità mal-Anness ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard mis-27 ta' Settembru 2022, il-liġijiet, ir-regolamenti u l-miżuri amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Għandhom japplikaw il-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw mal-Artikolu 1 l-punt (2) tal-Anness ta' din id-Direttiva mis-27 ta' Settembru 2022.

Għandhom japplikaw il-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw mal-punt 1 tal-Anness ta' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-20 ta' Mejju 2023.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom jinkludu dik ir-referenza meta jiġu pubblikati uffiċjalment. Il-metodi kif issir dik ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

**Id-dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2021.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

L-Annessi I u III huma emendati kif ġej:

(1) fil-punt 3 tal-Anness I, il-punt li ġej jiżdied mat-Taqsima 7:

| Entrata | Metodu | Raġunijiet għaliex element ma jgħaddix mit-test | Valutazzjoni tan-nuqqasijiet | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | **Minuri** | **Maġġuri** | **Perikolużi** |
| "7.13 eCall (jekk mgħammra, f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE) | | | | | |
| 7.13.1 Immuntar u konfigurazzjoni fuq | Spezzjoni viżwali kkomplementata, fejn dan ikun magħmul possibbli mill-karatteristiċi tekniċi tal-vettura u fejn id-*data* meħtieġa ssir disponibbli, bl-użu tal-interfaċċa elettronika | (a) Sistema jew kwalunkwe komponent nieqes | | X | |
| | | (b) Verżjoni tas-softwer mhux korretta | X | | |
| | | (c) Ikkowdjar tas-sistema mhux korrett( | X | | |
| 7.13.2 Kundizzjoni | Spezzjoni viżwali kkomplementata, fejn dan ikun magħmul possibbli mill-karatteristiċi tekniċi tal-vettura u fejn id-*data* meħtieġa ssir disponibbli, bl-użu tal-interfaċċa elettronika | (a) Sistema jew komponenti bil-ħsara | X | | |
| | | (b) L-MIL tal-eCall jindika xi tip ta' falliment tas-sistema | X | | |
| | | (c) Falliment tal-unità ta' kontroll elettroniku tal-eCall | X | | |
| | | (d) Falliment tal-apparat tal-komunikazzjoni bin-network mobbli | X | | |
| | | (e) Falliment tas-sinjal tal-GPS | X | | |
| | | (f) Komponenti tal-awdjo mhux konnessi | X | | |
| | | (g) Sors tal-enerġija mhux konness jew ċarġ insuffiċjenti | X | | |
| | | (h) Is-sistema tindika falliment permezz ta' interfaċċa elettronika tal-vettura | X | | |
| 7.13.3 Prestazzjoni | Spezzjoni viżwali kkomplementata, fejn dan ikun magħmul possibbli mill-karatteristiċi tekniċi tal-vettura u fejn id-*data* meħtieġa ssir disponibbli, bl-użu tal-interfaċċa elettronika | (a) Sett minimu ta' *data* (MSD) mhux korrett | X | | |
| | | (b) komponenti tal-awdjo li mhux jaħdmu kif suppost | X" | | |

(2) fl-Anness III, il-punt 4 tat-Tabella I huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Vetturi speċjali derivati minn vettura tal-kategorija N, T1b, T2b, T3b, T4.1b, T4.2b u T4.3b";

(b) ir-referenzi għall-vetturi "T5" huma sostitwiti b'referenza għall-kategoriji li ġejjin:

"T1b, T2b, T3b, T4.1b, T4.2b u T4.3b (P) u T1b, T2b, T3b, T4.1b, T4.2b u T4.3b (D)".